## 1. ELEZZJONI TA’ SPEAKER TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI

**IL-PRIM MINISTRU, L-ONOR ROBERT ABELA**, jipproponi:

Lil Dr Anġlu Farrugia bħala Speaker tal-Kamra tad-Deputati.

07.05.2022

**ELEZZJONI TA' DEPUTY SPEAKER**

**IL-PRIM MINISTRU, L-ONOR ROBERT ABELA**, jipproponi:

Lis-Sur David Agius bħala Deputy Speaker tal-Kamra tad-Deputati.

**Onor. Robert Abela**
**Prim Ministru**

ta' Mejju 2022

**MOZZJONI TA' CO-OPTION**

**IL-PRIM MINISTRU, L-ONOR. ROBERT ABELA** jipproponi –

Billi hu meħtieġ li jimtela l-post vakat mill-Onor Clifton Grima fuq id-Disa' Distrett Elettorali, liema post baqa' battal in segwitu għall-Elezzjonijiet Każwali li saru nhar is-7 ta' April 2022; u

Billi dan il-post għandu jimtela skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament 22 tar-Regolamenti tal-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali fit-Taqsima III tat-Tlettax-il Skeda tal-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, Kap. 354;

Il-Kamra tirriżolvi li Dr Randolph Debattista jiġi magħżul biex jimla l-imsemmi post battal fid-Disa' Distrett Elettorali tal-Kamra tad-Deputati.

**Onor. Robert Abela**
**Prim Ministru**

**MOZZJONI GĦALL-INDIRIZZ TAL-PRESIDENT TA’ MALTA BI TWEĠIBA GĦAD-DISKORS TAL-EĊĊELLENZA TAGĦU FIL-KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ONOR CRESSIDA GALEA**, tipproponi:

Sur President,

Aħna Membri tal-Kamra tad-Deputati, nirringrazzjawk, kif huwa d-dmir tagħna, għad-diskors li għoġbok ġentilment tagħmel lill-Kamra tad-Deputati fil-Ftuħ tal-Erbatax-il Parlament.

**Onor. Cressida Galea**

ta’ Mejju 2022

## ĦIN TAL-MISTOQSIJIET

**ID-DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA,**
**L-ONOR. CHRIS FEARNE** jipproponi:

Illi minkejja kull provvediment ieħor li hemm fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, il-mistoqsijiet li jidħru fuq l-aġenda ta' seduta jistgħu jsiru sa żmien nofs siegħa mill-ħin li fih tkun imsejħa biex tibda s-seduta.

**Onor. Chris Fearne**
**Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa**

ta' Mejju 2022

**ASSENZA INEVITABBLI TAL-ISPEAKER**
**JEW TAL-PRESIDENT TAL-KUMITATI**

**ID-DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA,**
**L-ONOR. CHRIS FEARNE** jipproponi:

Illi matul din il-Leġiżlatura:

(a) fil-każ tal-assenza inevitabbli tal-iSpeaker, min dak iż-żmien ikun Deputy Speaker jassumi l-kariga ta' Speaker bil-poteri u d-doveri kollha li jappartjenu għall-Uffiċċju ta' Speaker; u

(b) fil-każ tal-assenza inevitabbli tal-President tal-Kumitati, il-Viċi President tal-Kumitati jassumi l-kariga ta' President tal-Kumitati bil-poteri u d-doveri kollha li jappartjenu għall-Uffiċċju tal-President tal-Kumitati.

**Onor. Chris Fearne**
**Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa**

ta' Mejju 2022

**IL-MINUTI U L-AĠENDA JSIRU BIL-MALTI BISS**

**ID-DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA,**
**L-ONOR. CHRIS FEARNE** jipproponi:

Illi matul din il-Leġiżlatura, minkejja l-Ordni Permanenti 171 u kull provvediment ieħor fl-Ordnijiet Permanenti:

(a) il-Minuti tal-Proċeduri tal-Kamra; u

(b) l-Aġenda tas-Seduti tal-Kamra,

ikunu jistgħu jsiru bil-Malti biss.

**Onor. Chris Fearne**
**Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa**

ta' Mejju 2022

**SOSPENSJONI TAL-ORDNI PERMANENTI 173**

**ID-DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA,**
**L-ONOR. CHRIS FEARNE** jipproponi:

Illi matul din il-Leġiżlatura l-Ordni Permanenti 173 ikun sospiż; u

Illi sakemm iddum din is-sospensjoni l-Ispeaker huwa awtorizzat li safejn jidhirlu possibbli jkun jista' jagħmel arranġamenti biex ikunu jistgħu jittieħdu d-dibattiti u d-diskussjonijiet kollha tal-Kamra tad-Deputati, u safejn id-dibattiti u d-diskussjonijiet jittieħdu skont dawn l-arranġamenti għandhom jikkostitwixxu l-ġurnali tal-Kamra tad-Deputati.

**Onor. Chris Fearne**
**Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa**

ta' Mejju 2022

**SOSPENSJONI TA’ PARTI MILL-ORDNIJIET PERMANENTI 25 U 107**

**ID-DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA,**
**L-ONOR. CHRIS FEARNE** jipproponi:

Illi matul din il-Leġiżlatura l-Ordni Permanenti 25 - "L-istess mozzjoni ma tistax terġa’ tiġi proposta fl-istess sessjoni" - u l-Ordni Permanenti 107 - "L-istess Abbozz ta’ Liġi ma għandux jitressaq darbtejn fl-istess sessjoni" - huma sospiżi, flimkien ma’ kull provvediment ieħor tal-Ordnijiet Permanenti li jmur kontra din is-sospensjoni.

**Onor. Chris Fearne**
**Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa**

ta’ Mejju 2022

**ĦATRA TA’ KUMITAT PERMANENTI DWAR IX-XOGĦOL TAL-KAMRA**

**ID-DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA, L-ONOR. CHRIS FEARNE** jipproponi:

Illi l-Kamra tad-Deputati, Wara li rat l-Ordni Permanenti 120A (i) taħtar il-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra, li skont l-Ordni Permanenti 120C(5) ikun presedut mill-iSpeaker u skont l-Ordni Permanenti 120C(3) ikun kompost minn dawn il-membri:

L-Onor. Chris Fearne - Kap tal-Kamra
L-Onor. Byron Camilleri
L-Onor. Andy Ellul
L-Onor. David Agius, u
L-Onor. Robert Cutajar.

B'dan illi kull naħa tal-Kamra jkollha d-dritt għas-sostituzzjoni tal-membri msemmija kif provdut fl-istess Ordni Permanenti 120C(4).

**Onor. Chris Fearne**
**Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa**

ta’ Mejju 2022